MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 57

28 ta' Novembru 2023

Minuti tas-seduta Nru. 57 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Kunsillier M. Abela li talab jiġi skużat permezz ta' imejl datat 28 ta' Novembru 2023 minħabba raġunijiet ta' xogħol. Is-Sindku D. Vella ppreseda s-seduta bejn il-5:30pm u t-8:30pm. Il-kumplament tas-seduta kienet immexxija mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, peress li s-Sindku talab li jiġi skużat minħabba impenn iehor.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar l-inklużjoni ta' minuta ġdida numru 5.8.3. (**Ref: M/4/2/Vol II**) li tinqara kif ġej:

*"5.8.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar tenniet proposta li kienet ressqet fis-Seduta Nru. 54 tat-22 ta'Awwissu 2023 sabiex issir laqgħa mal-Ministru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.".*

1.3. Għaldaqstant il-minuti li jiġu warajha għandhom ikunu numerati mill-ġdid 5.8.4., 5.8.5., u 5.8.6.

1.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.19.2. (**Ref: A/5/5/Vol VII**) tas-seduta preċedenti u talbet li din tinqara kif ġej:

*"5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li nġabru kwotazzjonijiet dwar il-ħlas mitlub mill-gwida fil-ħarġiet kulturali. Hija qalet li l-inqas waħda kienet ta' €15 kull persuna (sa minimu ta' 20 persuna), li tibqa' l-istess irrispettivament il-post fejn ikun. Hija qalet li żjarat f'Għawdex mhumiex koperti b'din ir-rata, u allura jeħtieġ li jintalbu stimi apparti.".*

1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 8.1. (**Ref: A/5/3/1/Vol XVII; K/1/5/3/Vol II; K/1/5/4**) u talab li tidħol minuta oħra 8.7. li tinqara kif ġej:

*"8.7. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li fl-2024 jaħbat il-ħmistax anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa – Agia Napa li kien sar Settembru 2009.".*

1.6. Għaldaqstant il-minuta li ssegwiha għandha tiġi numerati mill-ġdid 8.8.

1.7. Il-minuti tas-Seduta Nru. 57 tal-31 ta' Ottubu 2023, ġew approvati bl-emendi kollha mressqa. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

2.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.12.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fi ftit tal-jiem oħra, il-ħaddiema tal-*Tourism Zones Regeneration Agency* se ikunu baxxew l-arbli tal-*multi-purpose court* bil-għan li jitneħħa l-periklu li dawn jistgħu jikkawżaw fl-istat li huma. Huwa qal ukoll li l-għamara kollha li hemm fil-park qed tiżżarma gradwalment u tittieħed fil-*workshop* tal-aġenzija sabiex tiġi miżbugħa mill-ġdid.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-tfal (A/5/3/Vol XIII)

2.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.14.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għall-attività ta' tindif volontarju li sar f'Selmun is-Sibt 18 ta' Novembru 2023 ħadu sehem madwar mitt tifel u tifla.

2.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet ukoll li t-tindif imsemmi kien segwit b'attività oħra fil-Park tal-Familja, fejn madwar mija u ħamsin tifel u tifla ngħataw borża ta' żerriegħa tal-tulipani. Kien hemm persuna liebsa ta' karattru popolari fost it-tfal, kif ukoll li kien preżenti t-tim tal-Pulizija tal-Kumunità. Kienet mistiedna tattenti l-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Antoinette Vassallo talbet li sfortunatament talbet tiġi skużata minħabba impenn ieħor.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Installazzjoni ta' CCTV fit-toroq ewlenin (C/9)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm xi statistika dwar kontravvenjonijiet rreġistrati, permezz tas-sistema msemmija.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-22 ta' Novembru 2023 intbagħat persuna teknika biex tiċċekkja s-sistema fiċ-Ċentru tal-LESA fil-Fgura, u rriżulta li din kienet qed taħdem normali. Minn dakinhar sad-data tas-seduta, il-LESA ma rrilaxxjat ebda rendikont.

### 3.2.1. Terrapien f'qatgħa fi Triq id-Denċi (P/5/2/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.1.2. tas-seduta ta' qabel u staqsiet dwar jekk sarx rapport mal-Awtorità tal-Ippjanar, peress li t-terrapien baqa jiżdied fis-sit indikat.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li r-rapport sar, iżda sad-data tas-seduta ma kienx hemm rispons.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 24/11/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/10/23 – 24/11/23;

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 03/10/23 – 09/11/23;
- Minuti – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 17/10/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Ipparkjar ta' vetturi kummerċjali fit-toroq (T/3/2/Vol XVI)**

5.1.2. Inġibdet l-attenzjoni dwar vetturi kummerċjali li qed jiġu pparkjati fi Triq il-Mellieħa qrib l-akwadott tad-drenaġġ fl-inħawi Tax-Xatba. Kien osservat ukoll li l-istess ilu jiġri fi Triq il-Manikata kantuniera ma' Triq l-Istasija, fil-Manikata.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ każi għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunità.

**5.2.1. Passaġġ bejn Triq l-Etna u Triq Għajn Żejtuna (P/5/14/Vol XII)**

5.2.2. Saret referenza għall-ilment imqajjem mill-Kunsill mal-Awtorità tal-Ippjanar fl-4 ta' Mejju 2022 u fit-2 ta' Settembru 2022, dwar passaġġ li kien jgħaqqad Triq l-Etna u Triq Għajn Żejtuna.

5.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret spezzjoni fuq il-post fis-26 ta' Ottubru 2023 mill-ispetturi tal-Awtorità tal-Ippjanar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, fejn. irriżulta li l-mogħdija in kwistjoni, għadha aċċessibbli, minkejja li art li fuqha kien jgħaddi l-passaġġ ingħatat bi qbiela lis-sidien ta' vilel f'Nru 38 u 44, fi Triq l-Etna. Il-mogħdija iżda ġiet imblukkata lil'hinn minn dan il-punt, fejn hemm qatgħa privata numru 9 fi Triq Għajn Żejtuna. Is-sid aġixxa b'dan il-mod billi l-istess art m'hija mgħobbija bl-ebda servitù, kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone tat-18 ta' Ottubru 2022.

5.2.4. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ma sab l-ebda oġġezzjoni għal:

(a) l-imblukkar tal-passaġġ; u

(b) il-bini u l-manutenzjoni ta' ħitan intiżi għaż-żamma tal-ħamrija u l-prevenzjoni tal-erożjoni fit-tarf t'isfel tal-fond 38 u 44 Triq l-Etna

**5.3.1. PA 6758/23 – Tibdil f'taraġ pubbliku bejn Triq id-Deru u Triq ir-Riħan/Triq il-Peprin (P/5/8/P)**

5.3.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija, fejn l-iżviluppatur ta' sit konfinanti mill-binja Southridge, Triq id-Deru, Triq il-Peprin u Triq ir-Riħan talab li jibdel il-formazzjoni ta' taraġ pubbliku minn kif jidher fl-iskema għal dak indikat fil-pjanti ndikati bir-referenza 13c u 13d. Huwa ntenzjonat ukoll li l-ispazju taħt l-istess taraġ jiġi wtilizzat sabiex issir *substation* tal-Enemalta plc.

5.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-tibdil propost sakemm ma tonqosx il-pedata u r-refgħa ta' kull tarġa ma tiżdied minn kif kien ippjanat fl-iskema. Il-Kunsill staqsa għaliex it-tibdil propost ma ġiex trattat permezz ta' *Planning Control Application*.

**5.4.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill (E/3/1/8)**

5.4.2. Saret talba datata 27 ta' Ottubru 2023 fejn għalliema tal-żfin Latin Amerikan talbet li tagħmel użu mis-sala għal lezzjonijiet f'dan is-suġġet bi ħlas, kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-5:30pm u 6:30pm.

5.4.3. Il-Kunsill tenna l-pożizzjoni li l-assi tiegħu m'għandhom jintużaw għall-skopijiet kummerċjali. Din il-pożizzjoni ġiet addottata anke fid-dawl tal-fatt li jeżisti postijiet addattat amministrati minn diversi għaqdiet volontarji u l-parroċċi fil-lokalità.

### 5.5.1. Materji li jolqtu t-traffiku li jgħaddi mill-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Novembru 2023, mibgħut mill-Kunsillier G. Micallef fejn aċċenna li fl-aħħar ġimgħat, ġiet iffurmata Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-Manikata, li tkellmet fost oħrajn dwar kwistjonijiet li jolqtu direttament is-sigurtà u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-ittra tkompli tgħid li l-assoċjazzjoni esprimiet id-diżappunt tagħha għaliex ma ngħatatx widen mill-awtoritajiet responsabbli fuq materji bħan-nuqqas t'azzjoni dwar it-traffiku eċċessiv, bżonn ta' *zebra crossings* u sinjali li jipprojbixxu t-traġitt ta' vetturi kbar.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li l-ilmenti msemmija għandhom jiġu mismugħa billi ssir laqgħa mal-assoċjazzjoni mill-iktar fis possibbli.

### 5.6.1. Ftehim dwar l-introduzzjoni ta' *School Grannies* (S/3/2)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret sejħa għall-applikazzjonijiet sabiex jiġu ngaġġati persuni anzjani bħala *School Grannies*. Is-Sejħa ser tagħlaq fit-30 ta' Novembru 2023 u sad-data tas-seduta kien hemm persuna waħda li kienet interessata.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li l-eżitu' tas-sejħa jiġi komunikat lid-Diviżjoni tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

### 5.7.1. PC 0053/23 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Wesgħat in-Narċis, Triq is-Sagħtar, u Triq il-Miġbħa (P/5/1/Vol IV)

5.7.2. Saret referenza għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa mal-applikant fuq talba tiegħu stess fit-22 ta' Novembru 2023, fejn ġew spjegat l-aspetti saljeni tal-*Planning Control application* imsemmija. Għall-istess laqgħa attendew, is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar, K. Buttigieg, u J. Gauci, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.7.3. L-applikant, is-Sur P. Attard f'isem il-kumpanija T. & S. Property Holdings Ltd spjega li l-fatturi li kkundizzjonaw il-proposta tagħhom, ossija li:

(a) Skond il-*policy* NWML 2 tal-Pjan Lokali fuq l-art in kwistjoni jista' jinbena 70 % minnha, bil-bqija titħalla għal-*landscaping*;

(b) Il-Pjan Lokali jipprekludi li l-għoli tal-binjiet proposti jaqbeż 16.3 metri, li jissarfu f'erba' sulari, flimkien ma' *penthouse* rtirata mill-ħitan tal-faċċata. Għoli aktar mnn dan ikun jinvolvi reviżjoni tal-Pjan Lokali skont il-proċedura stabbilita u ċertament ma jistax jiġi trattat permezz ta' *Planning Control Application;*

(c) Fiż-Żona A, indikata fuq il-pjanta 25b sottomessa mill-applikant, ser ikun hemm tliet blokki mifrudin b'passaġġ pedonali wiesgħa 10 metri;

(d) Iż-Żona B indikata fuq l-imsemmija pjanta 25b, ser tibqa' spażju pubbliku fis-sens li dan jibqa fl-istat oriġinali tiegħu li huwa xagħri;

(e) Il-*Commuted Parking Payment Scheme* ma tistax tiġi applikata u għaldaqstant taħt l-istess binja għandhom jiġu pprovduti spażji għall-ipparkjar skont in-numru ta' appartamenti li ser ikun hemm;

(f) Id-daħla għall-garaxx ser tkun miż-Żona B fuq in-naħa ta' Wesgħat in-Narċis; u

(g) Għalkemm il-*policy* NWML 2(ii) tippermetti l-inklużjoni ta' ħwienet żgħar, mhemmx l-intenzjoni li dawn ikunu parti mill-binjiet proposti. Għaldaqstant l-eventwali

xerrejja ser ikunu marbuta bil-kuntratt li ma jiftħux ħwienet, bil-għan li l-binja tibqa' residenzjali fl-intier tagħha.

5.7.4. Il-Kunsill Lokali ddiskuta l-proposta kif deskritta grafikament fuq il-pjanta sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar, immarkat 25b, u ddeċieda li għandu jemfażizza mal-istess Awtorità l-punti segwenti:

(a) L-għoli tat-tliet blokki proposti ma jaqbiżx dak tal-bini eżistenti fiż-żona tal-madwar, kif stabbilit fil-*policy* NWUS5 tal-Pjan Lokali;

(b) Żona B, għandha titħalla fl-istat attwali ta' xagħra, mingħajr ma' jsir ebda intervent fuqha;

(ċ) Il-*penthouses* għandhom ikunu rtirati fuq il-ġnub kollha ta' kull blokka, inklużi l-faċċati li jagħtu fuq iż-żewġ spazji bejn it-tliet binjiet proposti;

(d) L-ispazji bejn il-blokki proposti għandhom ikunu limitati għall-aċċess pedonali biss, u għalhekk għandhom jiġu mblukkati minn naħiet ta' Triq is-Sagħtar u Triq il-Miġbħa;

(e) L-inklużjoni ta' negozji (Klassi 4 – Ordni dwar il-Klassijiet tal-Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp 1994) għandha tiġi evitata sabiex jitnaqqas l-impatt mill-aspett ta' ipparkjar u traġitt ta' vetturi; u

(f) Il-*Commuted Parking Payment Scheme* m'għandhiex tiġi applikata f'dan il-każ, sabiex jiġi żgurat li l-iżviluppatur jipprovdi spazju adegwat fi proporzjon mal-*units* residenzjali kollha fi ħdan l-binjiet proposti.

5.7.5. Il-Kunsill għamilħa ċara li l-punti (a) – (f) hawn fuq qed jitqajmu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-policies NWML2 u NWUS5 tal-Pjan Lokali tal-Majjistral u linji gwida oħra applikabbli.

5.7.6. Il-Kunsillier G. Micallef talab sabiex jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu li l-art in kwistjoni tiġi żviluppa bil-mod deskritt fl-applikazzjoni PC 0055/23.

## 5.8.1. Danni kkawżati fuq vettura MQZ 048 (D/5/Vol II)

5.8.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 50 tal-24 ta' April 2023 rigward talba għad-danni sofferti mill-utent tal-vettura tal-kiri msemmija, fejn allega li fil-21 ta' Awwissu 2022 huwa qasam *tyre* minħabba l-istat ħażin fil-parti ta' fuq ta' Triq it-Tumbrell, li fil-fatt qatt ma ġiet asfaltata. Kien spjegat li l-ewwel talba saret ma' Infrastructure Malta, li wieġbuħ illi t-triq taqa' fir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali. Il-persuna konċernata għadda rapport tal-Pulizija, kif ukoll kont ta' €369.60.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab parir legali dwar d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363) u l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap 588). Il-parir mogħti jaċċenna li mhux l-ewwel darba illi kunsill lokali instab responsabbli għad-danni fir-rigward ta' inċidenti li seħħew fi triq (jew parti minnha) illi ma hijiex asfaltata. Biss, minn naħa 'l oħra, hemm interpretazzjoni tal-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Gvern Lokali li b'tali mod ċar jgħid li l-Kunsill huwa responsabbli minn triq meta tkun asfaltata biss (ċioe', meta "tingħata l-wiċċ"). Madanakollu, ġibed l-attenzjoni illi l-liġi tgħid ukoll hekk:

> *"Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u* ***<u>l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha</u>****, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha". Għalhekk, jekk il-Kunsill huwa responsabbli għall-kisi mill-ġdid ta' triq (skont il-liġi), huwa sintendi u konsegwentement responsabbli għat-triq fil-waqt li ma tkunx asfaltata qabel ma' jibda' x-xogħol.".*

5.8.4. Għalhekk teżisti *grey area* f'dak li jirrigwarda toroq mhux asfaltati u saret referenza għal każ (90/20214/AM3) li fiħ kien involut il-Kunsill tal-Mellieħa stess dwar talba li kienet tinvolvi

Triq Daħlet ix-Xmajjar. F'dan il-każ it-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar f'Mejju 2018, kien iddeċieda li d-danni sofferti għandhom jinqasmu ndaqs bejn il-Kunsill u Transport Malta.

5.8.5. Meta l-Kunsill ikkonsidra l-ammont ta' danni mitluba u fid-dawl tal-parir legali mogħti, approva l-ħlas għad-danni sofferti bħala saldu sħiħ and finali.

### 5.9.1. Ħajt li jżomm Triq J. Kepler (D/3/1/Vol XII

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li ġie nfurmat mill-Pulizija tal-Komunità dwar ħajt allegatament perikoluż, li qed iżomm Triq J. Kepler. Dawn ġew avviċinati mill-preprjetarju tal-villel li qed jinbnew biswit dan il-ħajt, għar-raġuni li kemm-il darba l-istess ħajt jiġġarraf dan jikkawża danni fil-proprjetà tiegħu. L-istess sid jidher li talab lill-Infrastructure Malta jibnuħ mill-ġdid, iżda dawn iggwidawħ sabiex jindirizza t-talba tiegħu lill-Kunsill Lokali.

5.9.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li ttieħed parir mingħand perit mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li minn naħa tiegħu esprima l-opinjoni li x-xogħol jinvolvi bini mill-ġdid tal-ħajt u għalhekk jaqa' fir-responsabilità ta' Infrastructure Malta.

5.9.4. Is-seduta ġiet sospiża għal ftit tal-ħin sabiex ikun jista' jsir intervent mill-Avukat Victor Scerri li huwa l-konsulent legali tal-proprjetarju konċernat. Dr Scerri spjega li l-ħajt tat-triq huwa mżaqqaq u għaldaqstant il-klijent tiegħu huwa beżan li jista'jaqa' minkejja li xi żmien qabel l-aġenzija Infrastructure Malta kienet ħaffret it-triq biswit il-ħajt u mliet l-ispazju bil-konkos.

5.9.5. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-aġenzija Infrastructure Malta, fejn jintalbu jiddikjaraw li bl-intervent li sar minn naħa taghhom huwiex garantit li l-ħajt ma jiġġarafx.

### 5.10.1. Kunċert tal-Milied fil-Knisja tal-Manikata (S/6/Vol VI)

5.10.2. Saret referenza għall-imejl mibgħut mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attività msemmija li ser issir fit-13 ta' Diċembru. 2023. Il-Kunċert ser jingħata minn sopran akkumpanjata minn arpista.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li dan l-avveniment ikun il-ftuħ tal-Villaġġ tal-Milied 2023, kif sar fi snin preċedenti bl-involviment finanzjarju tiegħu li ma jeċċedix €600.

### 5.11.1. Tħejjijiet marbuta ma' Lejlet l-Ewwel tas-Sena u l-Epifanija (A/5/5/Vol X)

5.11.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna li l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina ser ittellgħa wirja ta' nar tal-ajru li ser ddum għaxar minuti f'lejlet l-ewwel tas-sena. Huwa qal li ġie avviċinat mill-istess għaqda sabiex il-Kunsill jikkontribwixxu għal din l-iniżjattiva.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li l-kontribut tiegħu għandu jkun simili għal dak tas-sena preċedenti billi jikkommetti sa massimu ta' €2,000 b'rabta mas-servizz meħtieġ mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u spejjeż amministrattivi.

### 5.12.1. Tindif volontarju f'inħawi Tad-Dahar (T/6/1/Vol IV)

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarfet li l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa ser tagħmel tindif permezz tal-membri tagħha nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2023, biswit Triq Ramlet il-Qortin, ġewwa l-Aħrax, bejn it-8:00am u l-10:00am. Hija qalet li saru arranġamenti ma' Ambjent Malta sabiex jitħawwlu sittin siġra, filwaqt li appellat sabiex il-Kunsill jipparteċipa billi jipprovdi r-riżorsi meħtieġa.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-appoġġ meħtieġ.

**5.14.1. Bini ta' ġwiebi biswit il-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)**

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li ssir talba lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi wtilizzat id-*Development Planning Fund* bil-għan li jiffinanza l-bini taż-żewġ ġwiebi li huma diġa koperti bil-permess tal-istess awtorità, fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Pont u ma' Triq il-Qasab.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li l-istima taż-żewġ ġwiebi tammonta għal €796,000, li ma tinkludix iċ-ċaqlieq ta' servizzi li għaddejjin taħt wiċċ it-triq.

5.14.4. Il-Kunsillier J. Gauci kkummenta li l-ilma meħtieġ għar-rijabilitazzjoni tal-wied mhux qed ikun biżżejjed bil-kapaċità tal-ġiebja eżisti biswit Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Pont.

5.14.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jkun iktar vijabbli jekk il-Kunsill jibqa' jappoġġja r-rijabilitazzjoni tal-wied billi jipprovdi l-ilma tul il-perjodu meta l-ilma tax-xita jkun skars.

5.14.6. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem fil-minuta preċedenti, iżda ddeċieda li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà illi jiġi mtawwal l-isprall eżistenti bejn Taraġ il-Ħarrub u l-wied sabiex l-ilma kollu jmur direttament fl-istess wied.

**5.15.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fid-29 ta' Novembru 2023, issir żjara kulturali fil-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.16.1. Laqgħa mal-kap tal-Iskola Primarja (S/3/3)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kellha laqgħa ma' Ms Claire Debono, il-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Mill-istess laqgħa ħareġ li l-isfida ewlenija li qed taffaċċja d-direzzjoni tal-iskola hija ż-żieda fl-insabordinazzjoni fost it-tfal, li tista' tkun kkawżata minn diversi fatturi.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li tali sitwazzjoni tista' tiġi ndirizzata mill-aspett pedakoloġiku aġġornat biex irawwem ċerti valuri fost it-tfal. Ġie espressa l-opinjoni wkoll li għandhom jiġu organizzati taħditiet għall-ġenituri minn nies esperti, bħala parti minn attivitajiet oħra.

**5.17.1. Inkonvenjent ikkawżat fi Triq il-Parroċċa (A/9)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni dwar persuna/i li qed jgħalfu l-qtates fi Triq il-Parroċċa, bejn Triq it-Tonn u Triq il-Madonna Ta' Fatima. B'riżultat ta' dan żdiedet il-preżenza tal-qtates tant li qed toħloq inkonvenjent bil-ħmieġ li jħallu.

5.17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-residenti konċernati għandhom jgħaddu d-dettalji tal-persuna/i li qed jgħalfu lill-qtates sabiex jiġu mgħoddija lill-Pulizija tal-Komunità.

**5.18.1. Ħsara f'raba biswit it-Telgħa ta' Selmun (H/1/2)**

5.18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li ġie avviċinat minn persuna li għandu raba biswit il-parti t'isfel tat-Telgħa ta' Selmun u l-Wied tal-Karkara. Dan qed jitlob li l-ilma tat-triq għandu jinqabad aktar 'il fuq biex possibilment imur direttament fuq il-blat fid-direzzjoni tal-Wied tal-Karkara.

5.18.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu mistħarġa rimedji fattibbli.

**5.19.1. Stat tas-siġar fit-Telgħa ta' Selmun (A/3/Vol III)**

5.19.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għall-istat tas-siġar li jinsabu biswit il-kurva ta' fuq fit-Telgħa ta' Selmun, peress li dawn għandhom l-għeruq mikxufa u allura hemm il-periklu li

dawn jaqgħu bil-piż tagħhom stess, jew bl-effett tar-riħ. Għaldaqstant huwa ppropona li għandu jinkiseb il-parir tal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar il-fatturi msemmija.

5.19.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.20.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).**

5.20.1. Is-Sur K. Buttigieg għarraf li fl-20 ta' Novembru 2023 saret laqgħa mal-kuntrattur Intersteel Fence Ltd, li għaliha attendew il-Perit M Casha, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li mhux possibli jitfassal BOQ li jkopri l-interventi kollha meħtieġa kemm-il darba ma jitħaffrux *pilot holes* sabiex isiru magħrufa l-materjali uwżati fl-art tal-*court* u t-tip ta' rinfurżar kien sar fejn hemm l-arbli li jżommu l-*fence*.

5.20.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu qed jintalbu tliet stimi sabiex ikun jista' jitwettaq dan ix-xogħol.

5.20.3. Il-Kunsill approva l-inizjattivi li ttieħdu.

**5.21.1. Malta *Olympic Sports Awards* 2022 (N/1/Vol II)**

5.21.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li għall-edizzjoni 2023 tal-*MOS Awards* l-Kunsill ma' ġiex mitlub jressaq nominazzjoni, kif kienet il-prassi.

5.21.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkonferma li ma kienx hemm korrispondenza f'dan is-sens.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Materji li qed jiġu diskussi mill-Kunsill Reġjonali dwar:**

**(a) L-ipparkjar ta' vetturi kummerċjali fit-toroq; (T/3/5)**
**(b) Il-ħarsien tan-Naħla Maltija; u (M/6/Vol V)**
**(c) It-tindif volontarju. (T/6/1/Vol IV)**

6.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex sar intervjen mis-Sur Bjorn Bonello mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana bil-għan li jagħti sfond fuq it-tliet materji msemmija.

6.3. Dwar l-ipparkjar ta' vetturi kummerċjali pparkjati fit-toroq, il-Kunsill innota li vetturi kummerċjali huma dawk il-vetturi kollha użati bi qliegħ, eż: għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija, taxis, vetturi tal-kiri, eċċ. Kien innutat ukoll li r-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) jagħmel distinzjoni fid-definizzjoni ta' vetturi għall-ġarr tal-merkanzija u tgħid hekk:

*"vettura tal-merkanzija" tfisser kull vettura bil-mutur li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biss għall-ġarr ta' merkanzija u li ma tistax iġorr ebda persuna, ħlief lid-driver u lill-persuna jew persuni inkarigati mill-merkanzija;*

*"vettura għall-ġarr ta' merkanzija tqila" tfisser vettura tal-merkanzija bil-mutur bi trailer magħha, jew vettura tal-merkanzija kbira, jiġifieri vettura bil-mutur (li ma tkunx vettura tal-merkanzija bil-mutur bi trailer magħha) li tkun inbniet u ġiet adattata biex iġġorr jew tgħabbi merkanzija u li l-piż massimu permissibbli tagħha jkun jeċċedi s-7.5 tunnellati.*

6.4. Il-Kunsill osserva li fir-rigward ta' vetturi kummerċjali użati għall-ġarr ta' passiġġieri diġa qiegħed isir infurżar f'dak li huwa pparkjar fit-toroq meta dawn ma jkunux impenjati fuq kirja. Fil-każ tal-vetturi ta' merkanzija tqal, kien innutat li ma jidhirx illi hemm problemi bl-ipparkjar tagħhom f'żoni urbani, għalkemm jeżistu każi iżolati fejn dan isir f'żoni rurali. Minn naħa l-oħra l-Kunsill ma qabilx li l-ipparkjar ta' vetturi kummerċjali, taħt is-7.5 tunnellati, għandhom jiġi pprojbiti meta fil-parti l-kbira tagħhom jieħdu spażju daqs il-vetturi privati , kif ukoll jiġu użati biex wieħed jivversa bejn id-dar u l-post tax-xogħol. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'każi

ta' inkonvenjenzi, jew nuqqas ta' sigurtà minn kwalunkwe vettura kummerċjali, dawn għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Pulizija sabiex jaġixxu fid-diskrezzjoni tagħhom.

6.5. Saret referenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Reġjonali Tramuntana tal-15 ta' Novembru 2023, fejn qed jintalab l-appoġġ tal-Kunsill sabiex in-naħla Maltija tiġi rikonoxxuta mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent bħala insett nazzjonali, minħabba l-karetteristiċi uniċi tagħha huma addattati għall-ambjent lokali. Dan l-appoġġ qed jintalab peress li din l-ispeċi hija mhedda bl-importazzjoni ta' naħa minn pajjiżi oħra. Is-Sur B. Bonello għarraf li ser issir ċerimonja tal-iffirmar fiċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni tal-Imtarfa fl-1 ta' Diċembru 2023 fl-4:00pm.

6.6. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din l-inizjattiva mil-lat ambjentali, anke fid-dawl tal-fatt li l-attività mill-kuntratturi tiegħu fir-rigward ta' tindif ta' toroq mhux urbani hija limitata għal toroq asfaltati u ma tinvolvix toroq u passaġġi rurali li mhumiex asfaltati.

6.7. Is-Sur Bjorn Vassallo ppropona li għandu jsir sforż sabiex jiġi mnaddaf l-ispażju fejn hemm l-għaram fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, u tiġi spustjata l-kolonja tal-qtates li hemm f'dan il-post.

6.8. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, qal li meta saret żjara fuq il-post flimkien ma' uffiċjali mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent fit-8 ta' Ġunju 2023, kien ġie ndikat spazju alternattiv bejn it-trejqa li twassal lejn it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar. Intant mill-istess post tneħħew l-iskips użati għall-iskart domestiku, kif ukoll sar tindif mill-*cat feeders*.

## 7.1. Sejħa għall-Offerti MLC 5/2023 – Titjib fis-sistema tad-dwal fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata (P/4/16/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-7 ta' Novembru 2023 u r-rispons għaliha kien skont l-iskeda t'hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz (mingħajr it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** |
|---|---|
| 5H Ltd | €20,335.00 |
| Mica Med Ltd | €40,405.00 |
| ASI Building Services Contractors Ltd | €41,450.00 |

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-konsulent inkarigat sabiex jagħmel evalwazzjoni technika *vis-a-vis* l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.

7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq il-Kbira u fi Triq il-Peprin (E/1/3/Vol IV)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li sar eżerċizzju sabiex ikun hemm uniformità fid-dwal ta' Triq il-Kbira, bejn Triq il-Naħal u Triq Selmun. Biex jintlaħaq dan il-għan jeħtieġ li jitneħħew id-dwal kollha li hemm mal-ħitan u jsiru fuq arbli tad-9 metri fuq in-naħa tal-villel. Ġie spjegat li Triq il-Peprin jeħtieġ li d-dwal jiġu ntrodotti bejn Triq id-Deru u Triq ir-Riħan u jsiru fuq arbli tas-6 metri, bħal kumplament taż-żona Ta' Masrija. Is-Sur C. Debono ppropona wkoll li ssir applikazzjoni sabiex dawn iż-żewġ proġetti jiġu ffinanzjati mid-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

8.3. Il-Kunsill approva s-suġġerimenti mressqa u talab li titħejja d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex titressaq applikazzjoni għall-finanzjament taħt id-*DPF*.

## 9.1. Sejħa għall-offerti: MLC 4/2023 – Servizz dwar tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-ftehim li sar mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni skada fil-31 ta' Ottubru 2023. Aċċenna wkoll li l-uniku offerent li wieġeb għas-sejħa MLC 4/2023 staqsa verbalment fiex waslet l-evalwazzjoni tal-offerta tiegħu. Is-Sur C. Debono talab direzzjoni dwar kif għandha tkun it-triq 'l quddiem fuq din il-materja.

9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg fakkar li l-artiklu Nru. 1 tar-riżoluzzjoni li għaddiet fis-Seduta Nru. 51 tad-29 ta' Mejju 2023 jgħid li kellha toħroġ sejħa għall-offerti biex jingħata kuntratt ġdid li jipprovdi għal dan is-servizz għall-erba' snin. Fid-dawl ta' dan huwa ma jarax li għandha titwaqqa' l-offerta ta' WS Environmental, qabel ikun hemm aktar kuntatti mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni, sabiex jiġu evalwati l-għażliet li għadu quddiemu il-Kunsill.

9.4. Il-Kunsill approva s-suġġeriment fil-minuti preċedenti u għaldaqstant qabel li għandha tintalab laqgħa mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Villaġġ tal-Milied (A/5/6/3/Vol XVII)

10.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saru kuntatti mal-għaqdiet tal-Mellieħa fejn ġew offruti *huts* minn fejn ikunu jistgħu jbiegħu ikel u oġġetti oħra lill-pubbliku li jkun preżenti f'Misraħ il-Parroċċa, fejn ser jintrama palk sabiex ikun hemm spettaklu għaddej tul il-perjodu li jkun miftuħ il-villaġġ.

10.3. Is-Sur D. Vella fakkar li l-ftuħ ser isir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru fis-7:00 ta' filgħaxija, meta ser issir il-mixgħela uffiċjali tad-dwal flimkien mal-Ministru tat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. C. Bartolo. Dan billi l-inizjattiva qed tkun kofinanzjata bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

10.4. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti proposti.

## 11.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XVII)(K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)

11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li s-serata ta' Jum il-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2023 se tkun taħt il-patroċinju tas-Sindku ta' Adenau Arnold Hoffmann, li ser ikun akkumpanjat minn martu u l-Kunsillier ieħor fil-Kunsill Lokali ta' Adenau. Huwa ppropona li għandha tittieħed l-opportunità sabiex tinkixef lapida li kienet ingħatat mis-Sindku A. Hoffmann sena qabel, sabiex tfakkar il-memorja tal-ex-Sindku Joseph Borg bħala fundatur tal-ewwel ġemellaġ li qatt sar bejn lokalità Maltija fl-1996. Il-lapida tgħid ukoll li ċ-ċittadini ta' Adenau ser jibqgħu jiftakru u jseġwu l-kontribut tiegħu sabiex tiġġedded u tibqa' ħajja l-ħbiberija u l-ġemellaġġ mal-Mellieħa fil-ġejjieni. Huwa ppropona li il-kxif ta' din il-lapida jsir fit-2 ta' Diċembru 2023 filgħodu.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxi li wara għandhom jitħawwlu tliet siġriet fil-Park tal-Familja li jkun segwit bi żjarat f'postijiet ta' interess. L-attivitajiet tal-ġurnata jintemmu bl-attendenza għall-Kunċert Annwali tal-Milied mill-Banda La Vittoria fil-lukanda DB Seabank, segwit bil-pranzu.

11.4. Il-Kunsill approva l-programm propost fil-minuti preċedenti.

## 12.1. Kommemorazzjoni tal-ħmistax-il anniversarju tal-Ġemellaġġ Mellieħa - Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-22 ta' Novembru 2023 saret laqgħa mad-diriġenti tat-tliet għaqdiet mużikali, fejn ġew mistoqsija jekk jaċċettawx li jospitaw fis-sede rispettivi tagħhom iċ-ċerimonja tal-kommemmorazzjoni tal-ġemellaġ Mellieħa-Cavriglia, li ser ssir fid-19 ta' Jannar 2024. Dawn intalbu sabiex iwieġbu fi żmien raġġjonevoli, u kemm-il darba ikun hemm iktar minn wieħed li jaċċetta, l-għażla ssir bil-polza.

12.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjonijiet li ttieħdu.

13.1. **Uffiċjali fis-Segretarjat tal-Kunsill** **(P/7/1/Vol XVII)**

13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal ittra datata 7 ta' Novembru 2023 indirizzata lill-Kunsill, fejn huwa għarraf illi mhux ser jibqa' jokkupa din il-kariga minn għeluq snienu li jaħbat fit-13 ta' April 2024, peress li beħsiebu jirtira mix-xogħol minn dik id-data 'l quddiem.

13.3. Huwa stqarr ukoll li għarraf lis-Sindku D. Vella u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, permezz ta' korrispondenza datata 7 u 10 ta' Novembru 2023, rispettivament. Dan bil-għan li jsiru t-tħejjijiet meħtieġa sabiex tiġi nġaggata persuna oħra ħalli tokkupa din il-kariga, u hekk l-operat tal-Kunsill jibqa' għaddej mingħajr interruzzjoni. Din it-talba saret ukoll sabiex huwa jkun f'pożizzjoni li jgħaddi t-tmexxija amministrattiva tal-Kunsill lill-persuna l-ġdida. Huwa qal ukoll li sad-data msemmija tkun anke ġiet konkluża il-verifika mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena finanzjarja 2023.

13.4. Intant permezz ta' ittra datata 13 ta' Novembru 2023, is-Sinjura Marvic De Bono tat ir-riżenja tagħha u allura skattaw it-tliet xhur tan-notifika b'effett mill-imsemmija data. Il-Kunsill ġie mgħarraf li minn naħa l-oħra, l-Bord tal-Għażla kien wasal għall-konklużjoni li jimpjega persuna, li eventwalment għarrfet verbalment li ma tistax taċċetta l-impjieġ li ġie offrut lilha. Fid-dawl ta' dan, Jobsplus intalbu jgħaddu r-raba' lista ta' persuni eliġibbli, filwaqt li jinħareġ avviż da parti tal-Kunsill permezz tal-media soċjali, bil-għan li jitkomplew l-isforzi biex jimtlew il-postijiet vakanti.

13.5. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob permess sabiex isir użu mill-approvazzjoni diġa mogħtija mill-Jobsplus (ref: 392606) bil-għan li jiġi addottat proċess wieħed li jwassal għall-ingaġġ taż-żewġ uffiċjali nieqsa fi Skala 15.

13.6. Is-Segretarju għarraf ukoll li suġġett ieħor li ddisskuta l-Bord tal-Għażla kien li jinħolqu żewġ vakanzi fi Skala 13 sabiex tingħata l-opportunità li minn ilu fl-impjieg u qed jerfa' ċerta responsabilità u juri mpenn, ikun jista' jipprogredixxi skont il-parametri tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) (L.S.363.20).

13.7. Sabiex ikun jista' isir l-istrutturar imsemmi, il-Kunsill iddeċieda li jintalab ukoll permess mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinħolqu żewġ vakanzi fi Skala 13, li jimlew skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż Legali 358 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani).

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 24 ta' Novembru 2023.

12.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn it-3 ta' Ottubru u d-9 ta' Novembru 2023.

12.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-28 ta' Ottubru u l-24 ta' Novembru 2023.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Diċembru 2023 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**